# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar 2002**

**Numru**

**Citaz. numru 960/93 DS**

Anthony Ventura ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta, u b'nota tat-13 ta' Frar 1995 Joseph Attard assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta

vs

John Bonnici u Mario Bonnici lkoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Bonnici Bros. Ltd.", u b'nota tat-22 ta' Ottubru 1993 Emanuel Bonnici bhala direttur tas-socjeta` Bonnici Bros. Ltd.

assuma l-atti tal-kawza f'isem is-socjeta` konvenuta flok il-konvenuti John Bonnici u Mario Bonnici li jinsabu assenti minn dawn il-Gzejjer

Illum, 25 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Lulju 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi l-konvenuti noe fit-2 ta' Lulju 1992 waqt li kienu qeghdin ihaffru f'Valley Road, Msida, laqtu "cable" propjeta ta' l-attur noe, u ghalhekk ikkagunaw danni u hsarat fl-istess cable u dana unikament minhabba imperizja u traskuragni ta' l-istess konvenuti noe.

Illi danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmi "cable" jammontaw ghal elfejn tlett mija u tlieta u sebghin lira u erba' u tletin centezmu (Lm2373.34).

Illi l-kovenuti noe gew interpellati sabiex ihallsu dawn id-danni izda baqghu inadempjenti.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghal hsara kawzata fil-cable propjeta ta' l-attur noe li jinsab f'Valley Road, Msida, liema hsara grat fit-2 ta' Lulju 1992 u dana minhabba imperizja u traskuragni ta' l-istess konvenuti noe.

2. tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' elfejn tlett mija u tlieta u sebghin lira u erba' u tletin centezmu (Lm2373.34), in linea ta' danni sofferti mill-attur noe bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-imsemmija "cable".

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Jannar 1993, u ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' April 1993 u bl-interessi mid-data ta' l-istess ittra ufficjali u bis-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Emanuel Bonnici nomine fejn qal:

1. L-ewwel talba attrici ghandha tkun respinta stante li l-hsara fil-cable in kwistjoni ma saritx minhabba imperizja jew traskuragni tas-socjeta' konvenuta jew ta' impjegati taghha.

2. Isegwi ghalhekk li anke t-tieni talba ghandha tkun rigettata billi s-socjeta' konvenuta m'ghandiex tkun kundannata thallas danni lill-attur nomine.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-digriet tas-16 ta' Gunju 1994 fejn gie nominat l-A.I.C. Anthony Bailey bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-

domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-13 ta' Frar 1995 fejn, in sostituzzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku, gie nominat l-A.I.C. Albert Fenech;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku debitament mahlufa fil-21 ta' Jannar 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din il-kawza l-Korporazzjoni attrici qed titlob rizarciment tad-danni sofferti wara li ntlaqat *cable* waqt li kien qed isir xoghol ta' thaffir f'Valley Road, Msida. Mill-provi prodotti m'hemm l-ebda dubju li l-hsara in kwistjoni giet kagunata waqt li dan it-thaffir kien qieghed isir b'makkinarju misjuq minn impjegat tas-socjeta` konvenuta.

Jirrizulta li waqt li Silvester Borg kien qieghed ihaffer, huwa ltaqa' ma' balla konkos izda flok waqaf biex jinvestiga u jikkonsulta mal-kuntrattur jew jitlob l-ghajnuna ta' *cable attendant*, kompla jhaffer u qala' l-konkos li rrizulta kien qieghed jghatti l-*cable*. Biss irrizulta li l-*cable* kien qieghed iktar 'il fuq milli suppost biex ighaddi minn fuq *culvert* li kien hemm fil-post. Borg kien diga` haffer tul ta' madwar tliet mitt metru u mkien ma kien daqshekk 'il fuq il-*cable*. Konsegwentement meta qala' l-konkos laqat il-*cable* u kkaguna l-hsara in kwistjoni.

Il-perit tekniku osserva fir-relazzjoni tieghu li l-ftit nuqqas ta' prudenza ta' Borg meta ltaqa' mal-konkos kien superat minn certi nuqqasijiet tal-Korporazzjoni attrici, partikolarment ghaliex l-anomalija li kien hemm fil-fond tal-*cable* minn wicc it-triq fejn sar l-incident, komparat mal-fond regolari fejn kien il-*cable* fil-kumplament tax-xoghol, ma kenitx indikata mill-*cable attendant*, ghax milli jidher la l-*culvert* u lanqas il-fond irregolari tal-*cable* ma kienu ndikati fuq il-pjanta tal-lokalita` u li ma baqghetx disponibbli. Fejn il-*cable* ttella' ghal fuq il-*culvert*, flok tghatta bil-*warning slabs*, tghatta bil-konkos minn sitt piedi sa pied fond taht wicc it-triq u b'hekk inholqot divergenza min-normi fit-tqeghid tal-*cable* li ma gietx indikata mill-Korporazzjoni attrici.

Imbaghad il-perit tekniku kkummenta:

"Il-kuntratt ta' thaffir in kwistjoni kien tad-Dipartiment tat-Toroq u mhux tal-Korporazzjoni attrici; izda ma giex rilevat x'kondizzjonijiet kienu specifikati dwar l-obbligi li s-socjeta` konvenuta kellha fil-konfront tal-Korporazzjoni attrici, li ghalhekk kellhom jitqiesu bhala dawk normali, li hafna drabi, milli jidher, huma nieqsa minn kriterji bbazati fuq ko-operazzjoni bejn il-Korporazzjoni Enemalta, jew servizzi ohra, u l-kuntrattur inkarigat mit-thaffir.

Infatti f'dal-kaz, il-Korporazzjoni attrici naqset li tipprova li l-hsara fil-*cable* kienet 'unikament' minhabba imperizja u traskuragni tas-socjeta` konvenuta partikolarment ghaliex ma kienx hemm *records* tajba u, ghal raguni jew ohra, lanqas kien hemm *cable attendant* fuq il-post meta l-aktar kien hemm bzonn."

Ghalhekk il-perit tekniku kkonkluda li r-responsabbilta` ghall-akkadut ghandha tigi apporzjonata ugwalment bejn il-partijiet.

Il-partijiet ma kkontestawx il-konkluzjoni tal-perit tekniku dwar l-apporzjonament tar-responsabbilta` u l-Qorti, wara li ezaminat l-provi li tressqu, issib tali konkluzjoni gustifikata. Ghalhekk issa se tghaddi biex tikkunsidra d-danni pretizi.

Il-Korporazzjoni attrici talbet permezz tac-citazzjoni s-somma ta' Lm2373.34 in lineja ta' danni. Skond id-Dok. PF2 esebit minn Dr. Pierre Fenech ghall-Korporazzjoni attrici fis-seduta peritali ta' l-4 ta' Lulju 1995, dan l-ammont huwa maghmul minn Lm806.63 materjal, Lm951.40 xoghol u 35% *Corporation charges*. Is-socjeta` konvenuta qed tikkontesta dawn ic-*charges* ghax tikkonsidra li ma jirrapprezentawx *actual loss*.

Silvio Decelis, li xehed fis-seduta peritali tat-18 ta' Ottubru 1995, spjega li dawn ic-*charges* jinkludu insurances dwar riskju tan-nies li jintbaghtu fuq il-post biex isewwu, il-vetturi, il-petrol, is-salarji tal-*area engineers* u ufficjali ohra, u *contingencies* biex ikopru, per ezempju, is-salarji tal-persuni li jahdmu l-kont tad-danni.

Stephen Caruana xehed fis-seduta peritali tat-8 ta' Jannar 1996 li l-*Corporation charges* fil-fatt jirrapprezentaw l-*overheads* li huma *indirect expenses* u li jinhadmu skond *standard accounting practice*. Huwa esebixxa Dok. SC1 li juri l-valuri ta' materjal u xoghol bil-*prime cost* u *overhead charges* inkluzi. Fis-seduta sussegwenti tal-25 ta' Marzu 1996 esebixxa Dok. SC2 li juri kif inhadmu l-*overhead charges* fuq il-*labour*.

Stephen Caruana spjega wkoll li fil-kaz in ezami l-Korporazzjoni sofriet *overhead charges* li kienu jikkonsistu fis-segwenti:

*National Insurance*, BUPA, *Life Insurance*, *Bonus* u *Weekly Allowances*, *insurance* fuq ingenji uzati, *repairs* u *maintenance* ta' l-ingenji uzati, *depreciation* fuq l-istess, elettriku biex ihaddmu l-ingenji u parti mill-*administration expenses* li jistghu jinkludu *stationery*, il-hin li jikkonsmaw in-nies ta' l-*Accounts*, tar-*Registry* u tal-*Legal Office*.

Hemm numru ta' *items* li jirreferu ghall-ispejjez relatati ma' l-impjieg tal-persuni li kellhom jitqabbdu biex jahdmu fuq dan il-kaz, specjalment dawk li hadmu fuq it-tiswijiet necessarji kif jirrizulta mid-Dok. SC1, li huma gustifikati. Izda fejn saret riferenza ghall-ingenji ma ngabux provi ta' x'ingenji ntuzaw, lanqas li dawn l-ingenji kellhom bzonn ta' xi tiswija jew manutenzjoni minhabba l-uzu taghhom u wisq inqas allura ta' xi deprezzament taghhom.

F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax kif tista' tilqa' t-talba tal-Korporazzjoni attrici ghal zieda tal-*flat rate* ta' 35% fuq il-*prime cost* kollu nvolut. Ghalhekk *arbitrio boni viri*, filwaqt li in kwantu jirrigwarda l-*labour* se tibbaza l-likwidazzjoni tad-danni fuq l-ammont ta' Lm1284.39, in kwantu jirrigwarda l-materjal se tiehu l-*prime cost* ta' Lm806.63, total mela ta' Lm2091.02. Minhabba l-apporzjonament ugwali tar-responsabbilta`, is-socjeta` konvenuta trid thallas lill-Korporazzjoni attrici nofs dan l-ammont, jigifieri Lm1045.51.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif inghad u ghalhekk:

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli fi proporzjon ta’ hamsin fil-mija (50%) ghall-hsara kawzata fil-*cable* proprjeta` tal-Korporazzjoni attrici li jinsab f’Valley Road, Msida, liema hsara grat fit-2 ta’ Lulju 1992,

(2) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ Lm1045.51 in lineja ta’ danni bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Onor. Imhallef

Dottor David Scicluna                                        D/Registratur